IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2017
SWD(2017) 191 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (tfassil mill-ġdid)**

{COM(2017) 280 final}
{SWD(2017) 190 final}
{SWD(2017) 192 final}
{SWD(2017) 193 final}

MT MT

| Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv |
|---|
| Valutazzjoni tal-impatt *tar-reviżjoni tad-Direttiva 2004/52/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE* ("Qafas Ġuridiku tal-EETS") |
| **A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni** |
| **X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?** |
| *Is-swieq nazzjonali tal-ġbir elettroniku tal-pedaġġi huma ddominati mill-monopolji lokali u l-forrnituri tas-servizzi tal-ġbir tal-pedaġġi madwar l-UE ("fornituri tal-EETS[1]") iħabbtu wiċċhom ma diversi ostakli biex jespandu fi swieq ġodda. B'riżultat ta' dan, l-utenti tat-toroq għandhom bżonn diversi unitajiet abbord il-vettura (OBU), kif ukoll kuntratti u modalitajiet tal-fatturazzjoni biex iħallsu l-pedaġġi f'partijiet differenti tal-UE, li jirriżultaw f'ħafna spejjeż u inkonvenjenzi.*<br>*Problema oħra hija l-impunità relattiva ta' vetturi rreġistrati fi Stat Membru li ma jħallsux pedaġġ fi Stat Membru ieħor. Tabilħaqq, illum m'hemm l-ebda soluzzjoni effiċjenti fil-livell tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni dwar it-trasgressuri tal-pedaġġi. Dan jirriżulta f'telf tad-dħul mill-pedaġġi u frustrazzjoni fost is-sewwieqa konformi, u jtellef ukoll l-evoluzzjoni teknoloġika miċ-ċentri fiżiċi ta' pedaġġ għal soluzzjonijiet moderni ta' pedaġġ li ma jtellfux iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku.* |
| **X'għandu jinkiseb?** |
| *<u>Objettiv ġenerali:</u> Isir kontribut għat-tħaddim korrett tas-Suq Intern billi jiġi żgurat aċċess sħiħ għall-interoperabilità tas-servizzi ta' pedaġġ, f'konformità u fi proporzjon mal-ħtiġijiet tal-utenti tat-toroq.*<br>*<u>Objettiv speċifiku 1</u>: It-tneħħija tal-ostakli għad-dħul fis-suq u t-trawwim tal-iżvilupp ta' suq kompetittiv għas-servizzi elettroniċi tal-ġbir tal-pedaġġi*<br>*<u>Objettiv speċifiku 2</u>: It-titjib tal-livell ta' infurzar tal-pedaġġi minn vetturi rreġistrati barra l-pajjiż*<br>*<u>Objettiv speċifiku 3</u>: It-tneħħija tal-obbligi eċċessivi għall-fornituri tal-EETS* |
| **X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?** |
| *L-organizzazzjoni subottimali tas-suq tal-ġbir elettroniku tal-pedaġġi fl-Istat Membru A jolqot b'mod negattiv lill-utenti tat-triq irreġistrati fl-Istat Membru B, u viċi versa. Għallhekk, l-ebda Stat Membru individwali ma għandu l-inċentiv biex ibiddel l-affarijiet sakemm ma jitqisux l-interessi taċ-ċittadini u tan-negozji tal-UE. Dan jista' jinkiseb biss jekk l-azzjoni tittieħed fil-livell tal-UE.*<br>*F'dak li jirrigwarda l-infurzar transkonfinali tal-pedaġġi, intwera li approċċ purament intergovernattiv ma jaħdimx. Sistema effiċjenti ta' skambju ta' informazzjoni dwar it-trasgressuri tal-pedaġġ tista' tiġi implimentata biss mill-UE għall-Istati Membri kollha.* |
| **B. Soluzzjonijiet** |
| **X'inhuma d-diversi għażliet għall-ksib tal-għanijiet? Hemm għażla preferuta jew le? Jekk le, għaliex?** |
| *Tqiesu tliet soluzzjonijiet alternattivi:*<br>*1) **L-awtoregolamentazzjoni biex jinkiseb l-objettiv speċifiku 1 + miżuri leġiżlattivi biex jinkiseb l-objettivi speċifiċi 2 u 3.** F'din l-alternattiva ta' politika, il-Kummissjoni taqbel mal-industrija dwar għadd ta' objettivi operazzjonali ċari bbażati fuq l-ewwel objettiv speċifiku, iżda toqgħod lura milli timponi mod biex jinkisbu dawn l-objettivi. L-awtoregolamentazzjoni hija kkompletata b'regolamentazzjoni iebsa biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi 2 u 3.*<br>*2) **Approċċ leġiżlattiv**, fejn il-problemi kollha identifikati u l-kawżi sottostanti tal-problemi jiġu indirizzati mil-leġiżlazzjoni tal-UE (bidliet għad-Direttiva 2004/52/KE u għad-Deċiżjoni 2009/750/KE).*<br>*3) **Standard uniku għall-ETC tal-UE biex jiffaċilita l-interoperabilità teknika u proċedurali+ miżuri leġiżlattivi biex jippromwovu swieq kompetittivi u biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi nru 2 u 3.** F'din l-għażla politika, il-kost għall-forniment ta' servizzi interoperabbli huwa iżgħar minħabba li wassal għal armonizzazzjoni fil-fond tas-sistemi u l-proċeduri ta' pedaġġ. L-objettivi l-oħra jinkisbu permezz ta' tibdil fil-leġiżlazzjoni.*<br>***L-Għażla 2 hi l-alternattiva ppreferuta. Hija t-tieni l-aktar għażla effikaċi biex jintlaħqu l-għanijiet, iżda tinsab fl-ogħla pożizzjoni fil-kuntest tal-analiżi kost-benefiċċji.*** |
| **X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?** |
| ***PO1** hija appoġġjata mill-Pjattaforma ta' Faċilitazzjoni tal-EETS (EFP) — pjattaforma ta' kooperazzjoni li tinvolvi l-atturi ewlenin involuti fl-industrija tal-pedaġġ elettroniku fi 12-il pajjiż. Il-maġġoranza tal-membri tal-EFP jappoġġjaw ukoll (partijiet kbar) mill-PO2.*<br>*Il-miżuri leġiżlattivi inklużi f'**PO2** huma fil-biċċa l-kbira msejsa fuq is-sejbiet tal-industrija u l-amministrazzjonijiet nazzjonali dwar in-nuqqasijiet tal-leġiżlazzjoni attwali. Kważi l-miżuri kollha rċevew appoġġ qawwi mill-partijiet* |

[1] EETS: Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku.

*interessati (u b'mod partikolari l-Istati Membri), għalkemm kien hemm xi oppożizzjoni għal ċerti elementi.*
*Fl-aħħar nett,* ***PO3*** *għandha l-appoġġ tal-utenti tat-triq mhux professjonali, u ssemmiet minn ċerti politiċi bħala t-triq li għandha tiġi segwita. Madankollu, twarrbet b'mod ġenerali mill-industrija tal-pedaġġi.*

## C. Impatti tal-għażla preferuta

**X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

***PO2*** *twassal għal frankar ta' EUR 370 miljun (valur preżenti nett (VPN) — 2016–2025)* ***għall-utenti tat-toroq****. Il-biċċa l-kbira ta' dan l-iffrankar sejjer jibbenefika lill-****industrija tat-trasport bit-trakkijiet,*** *li fil-biċċa l-kbira hija magħmula minn SMEs.* ***L-amministraturi tan-netwerks tat-toroq*** *jibbenefikaw minn frankar għaliex ma jkollhomx għalfejn jakkwistaw OBUs żejda (EUR 48 miljun NPV) u dħul addizzjonali mill-pedaġġi li jirriżultaw minn regoli aħjar dwar l-infurzar transkonfinali (EUR 150 miljun fis-sena).* ***Il-fornituri tal-EETS*** *jesperjenzaw tnaqqis tal-piż regolatorju marbut mal-penetrazzjoni fis-swieq nazzjonali (EUR 10 miljun NPV, għal grupp previst ta' 12 l-fornituri tal-ETS). Barra minn hekk, se jesperjenzaw tkabbir fis-suq tagħhom bi dħul addizzjonali ta' EUR 700 miljun fis-sena.*

**X'inhuma l-kostijiet tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

***L-amministraturi tan-netwerks tat-toroq*** *se jesperjenzaw kostijiet addizzjonali biex jadattaw is-sistemi ta' pedaġġ tagħhom għal rekwiżiti ġodda li jammontaw għal EUR 174 miljun (NPV).*
*B'mod ġenerali,* ***il-benefiċċju totali nett ta' PO2 (kostijiet-benefiċċju) huwa ta' EUR 254 miljun*** *(NPV).*

**X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?**

*L-uniku tip ta' impatt fuq l-SMEs huwa ta' benefiċċju, għalhekk l-ebda eżenzjoni ma hi meħtieġa. Il-grupp tal-SMEs milqut l-aktar huwa dak tal-kumpaniji tat-trasport bit-triq.* ***L-impatt ekonomiku pożittiv nett totali għalihom jammonta għal EUR 300 miljun (NPV).***

*Kumplessivament, l-inizjattiva se żżid il-livell ta' kompetittività fis-suq ġbir elettroniku tal-pedaġġi billi tistabbilixxi regoli ġusti tas-suq. L-inizjattiva se tikkontribwixxi biex jiżdied il-livell ta' kompetittività tat-****trasportaturi tal-merkanzija bit-triq****(peress li se tnaqqsilhom il-piż regolatorju). Iżżid ferm il-kompetittività tal-****forrnituri tal-EETS.***

**Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?**

*Peress illi ħafna amministraturi tat-toroq fil-fatt huma aġenziji jew amministrazzjonijiet nazzjonali, il-kostijiet addizzjonali għall-amministraturi tat-toroq se jkollhom impatt fuq il-baġits nazzjonali. Dan l-impatt madankollu se jkun relattivament baxx (massimu ta' żewġ miljun euro kull amministrazzjoni nazzjonali).*
*L-użu obbligatorju tal-mudell tar-"rivenditur", fejn il-fornitur tal-EETS joħroġ il-fatturi lill-utenti f'ismu, minflok f'isem l-amministratur tat-toroq, jista' jwassal għal xi diffikultajiet fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri li jqisu l-pedaġġi bħala taxxi.*

**Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?**

*L-impatti l-oħra mhux se jkunu sinifikanti meta mqabbla ma' dawk diġà deskritti hawn fuq.*

**Proporzjonalità?**

*Il-miżuri tal-għażla ta' politika 2 ġew definiti abbażi ta' konsultazzjonijiet u djalogi twali mal-partijiet interessati kollha fis-suq tal-ETC u b'hekk jirriflettu kunsens bejn l-atturi fl-industrija. Dan għandu jiggarantixxi l-proporzjonalità.*

## D. Segwitu

**Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

*Huwa previst li l-Kummissjoni se tanalizza l-impatti tal-leġiżlazzjoni ġdida fl-2025.*

| C. Impatti tal-għażla preferuta |
|---|
| **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| PO3b kieku<br>• tnaqqas l-ispejjeż tal-konġestjoni b'EUR 9 biljun sal-2030, tipprovdi dħul addizzjonali minn ħlasijiet għall-użu tat-triq ta' EUR 10 biljun fis-sena u tgħin biex l-investiment fit-toroq jiżdied b'25 %<br>• tnaqqas l-ammont ta' emissjonijiet ta' $CO_2$, ta' $NO_x$ u ta' materja partikolata b'mod sinifikanti<br>• ittejjeb is-saħħa pubblika u tnaqqas l-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja u tal-aċċidenti (EUR 0,37 biljun sal-2030)<br>• tippermetti li jiġu ġġenerati madwar 208 000 impjieg ġdid u benefiċċji addizzjonali ta' 0,19 % tal-PDG, u<br>• tagħti kontribut għat-trattament ugwali taċ-ċittadini tal-UE billi tnaqqas bin-nofs il-prezz tal-vignettes għal perjodi qosra. |
| **X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| L-ispejjeż tat-trasport tal-merkanzija jiżdiedu b'1.1 %, filwaqt li l-ispejjeż tat-trasport tal-passiġġieri jibqgħu kif inhuma. Fost l-ispejjeż li jkollhom iġarrbu l-awtoritajiet hemm dawk għall-iskjerament ta' sistemi ta' pedaġġ ġodda jew għall-espansjoni tas-sistemi eżistenti għall-Istati Membri kkonċernati (investiment totali ta' darba ta' bejn EUR 1,2 biljun u EUR 1,4 biljun) u spejjeż operatorji li jammontaw għal bejn EUR 168 miljun u EUR 200 miljun fis-sena. L-estensjoni tat-tariffi għall-użu tat-triq għal partijiet ġodda tan-netwerk u għal gruppi ġodda ta' utenti tista' żżid l-ispejjeż ta' konformità għall-utenti tat-toroq b'bejn EUR 198 miljun u EUR 228 miljun fis-sena. |
| **X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?** |
| Kważi 100 % tal-kumpaniji tat-trasport tal-merkanzija bit-triq huma SMEs. L-estensjoni tal-pedaġġi tat-toroq kieku żżid l-ispejjeż ta' konformità tagħhom; madankollu, il-biċċa l-kbira tal-ispejjeż addizzjonali jiġu trasferiti lill-klijenti, u dan iwassal għal żieda marġinali (ta' inqas minn 0,25 %) fil-prezzijiet.<br>Żieda tal-investiment fl-infrastruttura kieku jkollha impatt pożittiv qawwi fuq l-industrija tal-kostruzzjoni. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?** |
| Is-settur pubbliku se jibbenefika minn dħul addizzjonali, li jista' jinkiseb jekk isiru investimenti fl-iskjerament u fit-tħaddim ta' sistemi elettroniċi ġodda ta' pedaġġ. L-impatt nett fuq il-baġits tal-Istati Membri jista' jammonta għal surplus ta' kważi EUR 10 biljun fis-sena. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?** |
| Huwa mistenni tnaqqis relattivament qawwi fil-konsum tad-diżil (ta' 1,3 %). |
| **Proporzjonalità?** |
| L-inizjattiva sempliċiment tagħti kontribut għall-ilħiq tal-għanijiet. Aktar milli teżiġi l-applikazzjoni tat-tariffi għall-użu tat-triq, hija tikkoordina u tiffaċilita l-azzjoni nazzjonali. L-ispejjeż għall-Istati Membri, għan-negozji u għaċ-ċittadini huma limitati meta mqabbel mal-benefiċċji potenzjali. B'hekk ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu solvuti l-problemi li ġew identifikati u biex jintlaħqu l-għanijiet. |

| D. Segwitu |
|---|
| **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?** |
| Il-Kummissjoni se tevalwa l-leġiżlazzjoni l-ġdida fl-2025. |